**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Rikors numru: 15/2023 MLF**

**Fl-atti tal-kontro-mandat ta' sekwestru numru 1104/2020 fl-ismijiet:**

**Malta Online Dictionary Limited**

**vs**

**Media Consulta Malta Limited**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta Media Consulta Malta Limited fejn esponiet:

    1. Illi wara li s-socjeta sekwestranti Malta Online Dictionary Limited (C-53427) ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 745/2020 fl-ismijiet hawn fuq premessi ghas-somma pretiza ta' €8,304.53 kif ahjar dedott fil-kawza pprezenata fl-1 ta' Lulju 2020, (Avviz numru 96/2020/MLF) – il-pretenzjoni ta' liema s-socjeta esponenti qed tikkontesta – l-istess socjeta esponenti ipprezentat cedola ta' depozitu b'garanzia bankarja, li kopja taghha

tinsab annessa u mmarkata Dok RB1, bil-ghan li jinhareg kontro-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat fil-31 t' Awwissu 2020 bin-numru 1104/2020.

2. Illi inoltre ghal din il-garanzija bankarja, gew pprezentati s-segwenti somom mal-banek lokali permezz ta' cedoli ta' depozitu:

   a) is-somma ta' €8304.53 depozitata mill-Bank of Valletta p.l.c. permezz ta' cedola numru 1415/2020, li kopja taghha tinsab annessa u immarkata Dok RB2

   b) is-somma ta' €8304.53 depozitata mill-HSBC Bank Malta p.l.c. permezz ta' cedola numru 1435/2020 li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata Dok RB3.

3. Illi fid-digriet taghha tal-15 ta' Settembru 2020, li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata Dok RB4, din l-Onorabbli Qorti ghogobha tilqa t-talba ghall-hrug tal-kontro mandat, b'dana pero li ordnat li s-somom depozitati mill-HSBC Bank Malta p.l.c. u Bank of Valletta p.l.c. surreferiti m'ghandhomx jigu rilaxxati qabel ma l-kawza tigi definittivament deciza, stante li s-socjeta sekewstratni attrici kienet oggezzjonat ghall-istess rilaxxar ghaliex sostniet li s-somma addizzjonali fil-garanzija bankarja ma kinitx bizzejjed biex tkopri l-ispejjez tal-kawza u l-interessi li eventwalment jistghu jigu decizi favuriha.

4. Illi ghalhekk johrog bic-car li depozitati fir-Registru tal-Qrati civili hemm somom ekwivalenti ghat-triplu ta' dik is-somma pretiza mis-socjeta sekwestranti Malta Online Dictionary Limited.

5. Illi s-socjeta esponenti tissottometti bir-rispett illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta in sostenn tat-tezi taghha li mhuwiex mehtieg jew gustifikabbli li l-mandat ta' sekwestru surreferit jibqa fis-sehh fir-rigward tar-Registratur tal-Qrati Civili sabiex is-somom depozitati mill-Banek lokali surreferiti jinzammu hemm, tenut kont tal-fatt li hemm garanzija bankarja li qeghda taghmel tajjeb ghall-ammont specifikat fl-istess mandat u fil-kawza kif ukoll somma ohra ulterjuri.

6. Illi l-ispejjez li qeghda tinkorri s-socjeta esponenti biex izzomm il-garanzija bankarja fis-sehh, kif ukoll il-fatt li l-kontijiet bankarji taghha mal-HSBC Bank Malta p.l.c. u mal-Bank of Valletta p.l.c. gew debitati minn ammonti ekwivalenti ghas-sorte kull wiehed, affettwat il-"cash flow" taghha b'mod drastiku u qeghdin jikkawzaw danni kbar u tbatija bla bzonn, specjalment fid-dawl tal-fatt li l-impatt negattiv tal-pandemija COVID 19 fuq il-kummerc taghha kien disastruz ghall-ahhar.

Ghaldaqstant s-socjeta rikorrenti talbet lil din il-Qorti toghgobha tawtorizza l-izbank tal-ammonti depozitati mill-banek fic-cedoli surreferiti wara li tordna l-hrug tal-kontro mandat fir-rigward tar-Registratur tal-Qrati Civili wkoll, u dan taht kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq, anke jekk hemm bzonn li l-garanzija bankarja tigi awmentata b'somma ulterjuri li jidhrilha xierqa u kif ordnat minnha, jew tali somma tigi attwalment depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili.

2. Rat in-nota risponsiva tas-socjeta attrici Malta Online Dictionary Limited ai termini tal-Artikolu 836(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn oggezzjonat ghat-talba, ghar-ragunijiet fiha premessi.

3. Rat ir-risposta tar-Registratur Tal-Qrati u Tribunali Civili tal-20 ta' Marzu 2023.

4. Rat ir-risposta ulterjuri tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili tad-19 ta' Mejju 2023.

5. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

7. Rat l-atti tal-kontro-mandat numru 1104/2020 fl-ismijiet premessi, li gie anness ma' dawn il-proceduri fuq ordni ta' din il-Qorti, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 745/2020 fl-ismijiet premessi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Is-socjeta Malta Online Dictionary Limited intavolat proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta rikorrenti Media Consulta Malta Limited fejn qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmint'elef, tlett mija u erbgha Euro u tlieta u hamsin centezmu (€8,304.35), rapprezentanti bilanc allegatament dovut mis-socjeta rikorrenti ghal servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni rezi fuq talba taghha stess. Dawn il-proceduri civili ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti, kif preseduta.

9. Kontestwalment ma' dawn il-proceduri civili, is-socjeta Malta Online Dictionary Limited ottjeniet il-hrug kontra is-socjeta rikorrenti ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 745/2020 ghas-sorte ta' €8,304.53, u l-imghax u l-ispejjez gew rizervati.

10. Fit-23 ta' Lulju 2020, is-socjeta Bank of Valletta p.l.c. ipprezentat cedola ta' depozitu numru 1415/2020, fl-ammont ta' €8,304.53, in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru.

11. Fis-27 ta' Lulju 2020, is-socjeta HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentat cedola ta' depozitu numru 1435/2020, fl-ammont ta' €8,304.53, in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru.

12. Fil-31 t'Awwissu 2020, is-socjeta rikorrenti ipprezentat cedola ta' depozitu numru 1814/2020, li maghha annettiet garanzija bankarja fl-ammont ta' tmint elef, erba' mija u hamsa u sebghin Euro u erbghin centezmu (€8,475.40) sabiex ikopri s-sorte pretiz mis-socjeta Malta Online Directory Limited (aktar l-isfel imsejha 'is-socjeta sekwestranti') u l-ispejjez relattivi, liema somma somma kellha tibqa' depositata u rtirata minn min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi.[1]

13. Fil-31 t'Awwissu 2020 wkoll is-socjeta rikorrent ipprezentat rikors ghal hrug ta' kontro-mandat stante li kienet giet depozitata l-garanzija bankarja biex taghmel tajjeb ghas-sorte u l-ispejjez relattivi. Dan il-kontro-mandat igib in-numru 1104/2020.

[1] Kopja ta' din ic-cedola bil-garanzija bankarja tinsab annessa mal-mandat ta' sekwestru numru 745/2020, mertu ta' dawn il-proceduri.

14. Is-socjeta sekwestranti oggezzjonat ghal din it-talba, ghaliex issottemettiet li s-somma addizzjonali fil-garanzija bankarja ma kinietx bizzejjed biex tkopri l-ispejjez tal-kawza u l-interessi li eventwalment jistghu jigu decizi favuriha.

15. B'digriet tal-15 ta' Settembru 2020, din il-Qorti, diversament preseduta, iddecidiet billi *"tilqa' t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat relattiv fil-konfront tas-sekwestratarji kollha indikati fil-mandat ta' sekwestru numru 745/20, ad eccezzjoni tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali li m'ghandux jirrilaxxa s-sommom depozitati in segwitu tal-istess mandat qabel il-vertenza bejn il-partijiet tigi definittivament deciza."*

16. Ghaldaqstant, f'dawn il-proceduri, is-socjeta rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tawtorizza l-izbank tal-ammonti depositati mill-banek fic-cedoli ta' depozitu surreferiti, kif ukoll li tordna l-hrug ta' kontro-mandat fir-rigward tar-Registratur tal-Qrati Civili, ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u dan billi qed tissottemetti li fir-registru ta' din il-Qorti hemm depozitati ammonti ekwivalenti ghat-triplu tas-somma pretiza mis-socjeta sekwestranti.

17. Skond l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kodici ta' Procedura Civili, mandat kawtelatorju jista' jitnehha sew ghal kollox jew f'parti minnu *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

18. Fir-risposta taghha is-socjeta sekwestranti eccepiet fl-ewwel lok illi l-mandat ta' sekwestru bin-numru 745/2020 gie mnehhi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili mhux applikabbli ghal kaz odjern, stante li wiehed ma jistghax teknikament jitkellem fuq ir-revoka ta' mandat kawtelatorju.

19. Din il-Qorti tqis din l-ewwel eccezzjoni bhala wahda sempliciment frivola u vessatorja. Mid-dicitura tad-digriet tal-15 ta' Settembru 2020 fuq citat, huwa ovvju li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju baqa' fis-sehh, biss limitatament fil-konfront tas-sekwestratarju r-Registratur tal-Qrati, u revokat fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohra. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju li l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili huwa applikabbli ghal kaz odjern, u din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta sekwestranti qed tigi michuda.

20. In oltre il-Qorti tosserva li kien zball amministrattiv li l-atti tal-kontro-mandat numru 1104/2020 inghataw lil din il-Qorti diversament preseduta, u ma inghatawx lil din il-Qorti, kif preseduta, stante li hija din il-Qorti kif preseduta li qieghda tisma' il-kawza bejn il-partijiet fil-meritu. Fil-fatt l-Artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi illi: *"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghaldaqstant, m'hemmx dubbju li l-atti tal-kontro-mandat numru 1104/2020 kellhom jingabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti kif preseduta, billi kif inghad hija l-Qorti li qed titratta l-kawza fil-meritu. Dan l-izball amministrattiv jidher li sfugga liz-zewg partijiet u anke lil din il-Qorti diversament preseduta li iddecidiet dik it-talba ghall-hrug ta' dak il-kontro-mandat. Pero, din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li ghandha tinoltra ruhha fuq il-konsegwenzi legali ta' dan l-izball amministrattiv.

21. Fir-rigward il-mertu, is-socjeta sekwestranti issottomettiet hekk:

*"Illi ghalkemm huwa minnu li fil-prezenti hemm depozitat ammont li jmur lil hinn mill-pretensjoni (ta' sorte) domandata bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 745/2020 ottenut mill-kumpanija hawn esponenti, wiehed irid jiehu qies li l-ammont in eccess qed jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha gudizzjarji marbuta mal-proceduri u/jew accossorji ghalihom u kif ukoll ghall-imghaxijiet li talvolta jafu jkunu dovuti fuq l-ammont ta' sorte indikata fl-imsemmi mandat u mertu tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi."*

22. L-Artikolu 832 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk dwar talbiet ghal hrug ta' mandati kawtelatorji:

*"Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta'somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat."*

23. Din id-disposizzjoni tati lok ghal interpretazzjoni wahda biss: meta l-kreditu pretiz ikun jikkonsisti fi hlas ta' somma ta' flus, fil-mandat kawtelatorju, ir-rikorrent ghandu jindika bil-gurament tieghu l-ammont ta' din is-somma ta' flus (is-sorte), u f'kaz li tkun giet prezentata kawza, jista' jinkludi l-ispejjez gudizzjarji. Din id-disposizzjoni ma tghidx ukoll li jistghu jigu inkluzi pretensjonijiet ta' hlas ta' imghax fuq is-sorte, u ghalhekk dawn ma jistghux jigu inkluzi f'rikors ghal hrug ta' mandat kawtelatorju. Dan jaghmel sens stante li l-imghax jizdied ma' kull gurnata li tghaddi, u allura l-ammont tal-imghax qatt ma jista' jigi kawtelat jew iddepozitat fl-intier tieghu. Min-naha l-ohra, l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza li tkun gietipprezentata in konnessjoni mal-kreditu pretiz, jistghu jigu inkluzi. Jekk ir-rikorrent ma jottemperax ruhu ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, il-piena hija n-nullita tal-mandat kawtelatorju.

24. Fil-kaz odjern, is-socjeta sekwestranti ghazlet li fir-rikors ghall-hrug tal-mandat tindika biss l-ammont tas-sorte, fil-waqt li kemm fir-rigward tal-imghax kif ukoll fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji, tiddikjara li dawn l-ammonti huma 'rizervati'. Kif inghad l-imghax ma jistghax jigi kawtelat f'mandat kawtelatorju, pero l-ispejjez gudizzjarji certament setghu jigu kwantifikati, ghall-inqas sad-data tal-prezentata tal-kawza, u indikati fir-rikors ghal hrug tal-mandat kawtelatorju. La darba s-socjeta sekwestranti ghazlet, ghar-ragunijiet taghha, li ma tindikax dan l-ammont fir-rikors ghal hrug tal-mandat, hija ma tistax issa tippretendi li dawn l-ispejjez gudizzjarji jigu kawtelati bil-mandat odjern, u b'hekk testendi illegalment l-effetti ta' dan il-mandat.

25. Pero, irid jinghad ukoll li t-talba fir-rikors ghall-hrug tal-mandat – fejn intuzat formula mahruga ai termini tal-Artikolu 1007 tal-Kodici ta' Procedura Civili - tghid hekk: *"(i)lli din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta'sekwestru f'idejn is-sekwestratarju jew sekwestratarji kif jissemma hawn isfel, kontra s-sekwestrat għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, in kawtela tal-kreditu hawn taħt indikat ... ..."* Din it-talba giet milqugha fl-intier taghha minn din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant, l-ispejjez tal-procedura ghall-hrug tal-mandat huma wkoll koperti b'dan il-mandat.

26. Kif diga inghad, is-socjeta rikorrenti intavolat cedola b'garanzija bankarja ghall-ammont kawtelat b'dan il-mandat, fil-waqt li zewg banek ipprezentaw cedola ta'

depozitu kull wiehed. Il-garanzija bankarja tkopri l-ammont tas-sorte, kif ukoll l-ammont ta' mija u sebghin Euro (€170), li jkopru l-ispejjez tal-hrug tal-mandat kawtelatorju. Il-banek iddepozitaw biss l-ammont tas-sorte, u ma iddepozitawx ukoll l-ammont li jkopri l-ispejjez ghal-hrug ta' dan il-mandat, kif kien dover taghhom li jaghmlu.

27. La darba l-ammonti tas-sorte u l-ispejjez tal-hrug tal-mandat huma ben kawtelati bil-garanzija bankarja, certament m'hux ragonevoli li z-zewg ammonti l-ohra depozitati mill-banek jibqghu mizmuma taht l-awtorita ta' din il-Qorti.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' it-talba tas-socjeta rikorrenti ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwenzjalment tirrevoka fit-totalita tieghu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 745/2020 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement qed tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat opportun fir-rigward tas-sekwestratarju r-Registratur tal-Qrati Civili.

2. tawtorizza l-izbank tal-ammonti depositati mill-banek fic-cedoli ta' depozitu numru 1415/2020 u 1435/2020.

29. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Digriet moghti kameralment illum 24 t'Awwissu 2023.**

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**